MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 768/2007

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Mejju 2008.**

**Pulizija**
**Spettur Therese Sciberras**

**Vs**

**Rita Azzopardi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Rita Azzopardi ta' 27 sena, imwielda fid-9 ta' Jannar 1980, Pieta' bint missier mhux maghruf u Ludgarda Azzopardi, residenti f'Gregory, Flats No. 6, Triq il-Korp tal-Pijunieri, Bugibba, San Pawl il-Bahar, detentrici tal-karta ta' l-Identita' numru 56180M;

Talli, f'dawn il-gzejjer, f'xi hin bejn is-27 ta' Gunju 2007 u l-10 ta' Lulju 2007 f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

B'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi

foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' madwar elf lira maltin (Lm1000) ghad-dannu ta' Carmelo Aquilina u tal-Bank of Valletta;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, serqet l-ammont ta' elf lira maltin (Lm1000) liema serq huwa kkawlifikat bil-valur;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi, bi hsara ta' Carmelo Aquilina ghamlet xi qliegh b'qerq.

Rat l-Artikoli 267, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja ta’ l-imputata, ma’ thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssib lill-imsemmija imputata Rita Azzopardi hatja ta’ kif akkuzata, u filwaqt li tpoggiha taht Ordni ta’ Probation ghal perjodu ta’ sentejn (2) mil-lum, ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda wkoll tordna l-hlas ta’ elfejn, tlett mija w disa’ ghoxrin Ewro (2329 Ewro) lis-Sur Carmelo Aquilina, ai termini ta’ l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------